

EBA/GL/2024/02

---

05/03/2024

---

## Linji Gwida

---

dwar l-istabbiliment u ż-żamma ta' listi nazzjonali jew reġistri ta' servizzjanti tal-kreditu skont id-Direttiva (UE) 2021/2167

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

---

## Status ta' dawn il-Linji Gwida

1. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup>. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-Linji Gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 28.08.2024. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din id-data ta' skadenza, l-awtoritajiet kompetenti jiġu kkunsidrati mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formula pprovduta fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2024/02". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus ta' konformità trid tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

## 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

---

### Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jissodisfaw il-mandat mogħti lill-EBA skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva (UE) 2021/2167 biex tiżviluppa linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-istabbiliment u ż-żamma ta' listi nazzjonali jew reġistri ta' servizzjanti tal-kreditu awtorizzati. Huma jispeċifikaw il-kontenut, ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà u d-dati ta' skadenza għall-aġġornament tal-listi jew ir-reġistri nazzjonali ta' servizzjanti tal-kreditu awtorizzati, bil-ħsieb li jittejbu l-kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni kollha u t-trasparenza għax-xerrejja tal-kreditu u għall-mutwatarji. Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, mudell ikkombinat wieħed huwa pprovdut għal a) notifikati fost l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-lista jew tar-reġistru u b) in-notifikati f'konformità mal-Artikolu 13(3) tad-Direttiva (UE) 2021/2167 billi xi elementi tal-listi jew tar-reġistri jiddependu mis-sottomissjoni tal-informazzjoni sħiħa li tinsab fihom.

### Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-istabbiliment u ż-żamma ta' listi nazzjonali jew reġistri ta' servizzjanti tal-kreditu awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti.

### Destinatarji

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fl-Artikolu 21(3) tad-Direttiva (UE) 2021/2167.

## 3. Implimentazzjoni

---

### Data ta' applikazzjoni

8. Dawn il-linji gwida japplikaw minn 30.12.2024.

## 4. Linji gwida dwar listi nazzjonali jew reġistri ta' servizzjanti tal-kreditu

---

### 4.1. Kontenut tal-lista jew tar-reġistru

9. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu fil-lista jew fir-reġistru tagħhom f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva (UE) 2021/2167, għal kull servizzjant tal-kreditu, l-informazzjoni li ġejja:

- a. Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) (jitħalla vojt jekk is-servizzjant tal-kreditu ma jkollux LEI);
- b. Numru ta' identifikazzjoni uniku nazzjonali assenjat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari;
- c. Isem legali, inkluża l-forma legali tal-kumpanija, u l-isem kummerċjali fejn dan ikun differenti mill-isem legali. Meta l-isem legali jew kummerċjali oriġinali ma jikkonsistix f'ittri bil-Latin, il-lista jew ir-reġistru għandhom jinkludu wkoll il-verżjoni b'ittri bil-Latin;
- d. Indirizz tal-uffiċċju prinċipali tas-servizzjant tal-kreditu jew l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fl-Istat Membru domiċiljari, inkluż:
  - i. Pajjiż
  - ii. Belt
  - iii. Kodiċi postali
  - iv. Triq
  - v. Numru tal-bieb;
- e. Meta servizzjant tal-kreditu awtorizzat fi Stat Membru wieħed ikun stabbilixxa fergħa fi Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2021/2167, il-lista jew ir-reġistru tal-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru ospitanti għandhom jinkludu l-indirizz ta' dik il-fergħa, inkluż dan kollu li ġej:
  - i. Pajjiż
  - ii. Belt
  - iii. Kodiċi postali
  - iv. Triq
  - v. Numru tal-bieb;

- f. Id-dettalji ta' kuntatt tas-servizzjant tal-kreditu rilevanti għall-Istat Membru fejn jinżammu l-lista jew ir-regjistru (forniment ta' mill-inqas element wieħed, aktar minn aċċenn wieħed possibbli):
- i. Indirizz tal-email
  - ii. Formola web
  - iii. Indirizz postali
  - iv. Numru tat-telefon;
- g. Dettalji ta' kuntatt għall-ġestjoni tal-ilmenti tal-konsumaturi rilevanti għall-Istat Membru fejn jinżammu l-lista jew ir-regjistru, li għalihom is-servizzjant tal-kreditu stabbilixxa proċedura f'konformità mal-Artikolu 24(1) tad-Direttiva (UE) 2021/2167 (forniment ta' mill-inqas element wieħed, aktar minn aċċenn wieħed possibbli):
- i. Indirizz tal-Email
  - ii. Formola web
  - iii. Indirizz postali
  - iv. Numru tat-telefon;
- h. L-Istat Membru domiċiljari li fih is-servizzjant tal-kreditu ġie awtorizzat;
- i. Status ta' awtorizzazzjoni ("validu" jew "irtirat") biex jiġu pprovduti attivitajiet ta' servizzjar tal-kreditu, inkluża l-ewwel data rreġistrata tal-awtorizzazzjoni, u d-data tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni (jekk applikabbli). Barra minn hekk, meta servizzjant tal-kreditu jkun ġie awtorizzat mill-ġdid, l-ewwel data tal-awtorizzazzjoni valida attwalment għandha tiġi inkluża wkoll;
- j. Status ta' awtorizzazzjoni ("approvat", "ipprojbit għal dan is-servizzjant tal-kreditu" jew "ġeneralment ipprojbit għal servizzjanti tal-kreditu bbażati f'[isem l-Istat Membru]") biex jirċievu u jżommu fondi mill-mutwatarji f'konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2021/2167, inkluża l-ewwel data rreġistrata tal-awtorizzazzjoni, u d-data tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni (jekk applikabbli) ta' dak is-servizz. B'mod awtomatiku, l-istatus ta' awtorizzazzjoni tal-Istat Membru domiċiljari għandu jintwera fil-lista jew fir-regjistru tal-Istat Membru ospitanti, sakemm ma tkunx tapplika projbizzjoni ġenerali fl-Istat Membru ospitanti, f'liema każ l-awtorità kompetenti ospitanti għandha turi "ġeneralment ipprojbit għas-servizzjanti tal-kreditu li jipprovdu servizzi fi [isem l-Istat Membru]" għas-servizzjanti tal-kreditu kollha fil-lista jew fir-regjistru tagħha, irrispettivament mill-istatus ta' awtorizzazzjoni fl-Istat Membru domiċiljari. Barra minn hekk, meta servizzjant tal-kreditu jkun ġie awtorizzat mill-ġdid li jirċievi u jżomm fondi, l-ewwel data tal-awtorizzazzjoni valida attwalment għandha tiġi inkluża wkoll;

- k. Lista ta' Stati Membri ospitanti li għalihom is-servizzjant tal-kreditu jkun innotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domicilijari li beħsiebu jipprovdi attivitajiet ta' servizzjar tal-kreditu u li għalihom dik l-awtorità kompetenti tkun bagħtet notifika f'konformità mal-Artikolu 13(3) tad-Direttiva (UE) 2021/2167 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti (li għandha timtela biss mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domicilijari); u
  - l. Id-data meta s-servizzjant tal-kreditu jkun jista' jibda jipprovdi servizzi fl-Istat Membru ospitanti skont l-Artikolu 13(5) tad-Direttiva (UE) 2021/2167, u fejn applikabbli d-data li fiha l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tkun irċeviet in-notifika mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domicilijari li s-servizzjant tal-kreditu m'għadux beħsiebu jipprovdi servizzi fl-Istat Membru ospitanti (li għandha timtela biss mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti).
10. Meta l-awtorizzazzjoni ta' servizzjant tal-kreditu tkun ġiet irtirata, l-awtorità kompetenti għandha tinkludi fil-lista jew fir-reġistru, fuq bażi indefinita, l-informazzjoni li kienet aġġornata u rilevanti fiż-żmien tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni.

## 4.2. Rekwiżiti ta' aċċessibbiltà

- 11. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu l-lista jew ir-reġistru tagħhom aċċessibbli 24 siegħa kuljum u 7 ijiem fil-ġimgħa. Il-lista jew ir-reġistru għandhom ikunu aċċessibbli fuq is-siti web tal-awtoritajiet kompetenti jew fuq għodod elettroniċi oħra aċċessibbli għall-pubbliku sakemm ma jkunux taħt manutenzjoni.
- 12. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-aċċess pubbliku għal-lista jew għar-reġistru ma jkunx jirrikjedi reġistrazzjoni minn qabel jew kwalunkwe prekundizzjoni oħra għall-aċċess.
- 13. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu aċċess għal-lista jew għar-reġistru mingħajr ħlas.
- 14. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu l-lista jew ir-reġistru disponibbli għat-tniżżil u għandhom jinkludu d-data tal-aħħar aġġornament tal-lista jew tar-reġistru.
- 15. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu l-lista jew ir-reġistru disponibbli bil-lingwa/lingwi nazzjonali u mill-inqas b'lingwa uffiċjali tal-UE abitwali fil-qasam tal-finanzi.

## 4.3. Aġġornamenti tal-listi jew tar-reġistri

- 16. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipproċessaw l-informazzjoni rilevanti għal-lista jew għar-reġistru u jaġġornaw il-lista jew ir-reġistru mill-inqas darba fil-ġimgħa.
- 17. Fil-każ speċifiku fejn l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru domicilijari tkun ħadet id-deċiżjoni li tirtira l-awtorizzazzjoni ta' servizzjant tal-kreditu biex jipprovdi attivitajiet ta' servizz ta' kreditu jew biex jirċievi u jżomm fondi mill-mutwatarji, l-awtorità kompetenti mill-Istat Membru domicilijari għandha taġġorna l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu 9, fil-punt (i) u,

fejn applikabbli, fil-paragrafu 9, fil-punt (j) ta' dawn il-Linji Gwida sa mhux aktar tard minn tmiem il-jumejn ta' xogħol ta' wara.

18. Ladarba l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti tkun irċeviet l-informazzjoni dettaljata skont il-paragrafu 17 mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru domiciliolari, hija għandha taġġorna l-lista jew ir-reġistru tagħha sa mhux aktar tard mit-tmiem il-jumejn ta' xogħol ta' wara.
19. L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru domiciliolari għandha tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti dwar kwalunkwe bidla li tkun ta' rilevanza għal-lista jew għar-reġistru tagħhom, mhux aktar tard minn meta l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru domiciliolari taġġorna l-lista jew ir-reġistru tagħha. L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru domiciliolari għandha tibgħat l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni istantanji u traċċabbli u bl-użu tal-mudell fl-Anness.
20. Meta l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru domiciliolari tibgħat għall-ewwel darba notifika f'konformità mal-Artikolu 13(3) tad-Direttiva (UE) 2021/2167 għal servizzjant tal-kreditu partikolari, għandha timmarka "notifika inizjali" fit-taqsima 1 tal-mudell u timla t-taqsima 2 kif ukoll l-informazzjoni mhux pubblika fit-taqsima 3 tal-mudell. Għal każijiet għajr in-notifiki inizjali, l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru domiciliolari għandha tenfasizza fil-mudell l-informazzjoni li tkun inbidlet meta mqabbla mal-aħħar notifika li tkun bagħtet lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti fil-mudell u għandha timla mill-inqas it-taqsimiet 1 u 2 tal-mudell.
21. Sabiex jiffaċilitaw l-aġġornamenti tar-reġistri nazzjonali fl-UE kollha permezz ta' lista ċentrali ta' indirizzi tal-posta elettronika funzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-EBA dwar l-indirizz elettroniku rilevanti għall-ġestjoni tal-lista jew tar-reġistru ladarba l-lista jew ir-reġistru nazzjonali rispettivi tagħhom jiġu stabbiliti kif ukoll dwar kwalunkwe bidla sussegwenti f'dak l-indirizz elettroniku.

#### 4.4. Informazzjoni dwar il-korpi pubbliċi fl-Istati Membri maħtura biex jindirizzaw l-ilmenti

22. L-awtoritajiet kompetenti maħtura f'konformità mal-Artikolu 21(3) tad-Direttiva (UE) 2021/2167 għandhom jinfurmaw lill-EBA dwar jekk humiex ukoll l-awtoritajiet kompetenti maħtura f'dik il-ġurisdizzjoni biex jittrattaw l-ilmenti relatati mas-servizzjanti tal-kreditu f'konformità mal-Artikolu 24(3) ta' dik id-Direttiva. Meta awtoritajiet kompetenti oħra jkunu ġew maħtura f'dik il-ġurisdizzjoni biex jittrattaw l-ilmenti, l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 21(3) tad-Direttiva (UE) 2021/2167 għandhom jinfurmaw lill-EBA kif meħtieġ. L-informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti maħtura biex jindirizzaw l-ilmenti għandha tintbagħat lill-EBA sa mhux aktar tard mid-data tal-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida. Fejn rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti se jinfurmaw lill-EBA dwar kwalunkwe bidla sussegwenti lill-awtoritajiet kompetenti u l-kompiti rispettivi tagħhom fi żmien ġimgħa.

23. L-awtoritajiet kompetenti, responsabbli f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2021/2167 mill-pubblikazzjoni u miż-żamma ta' lista jew reġistru tas-servizzjanti tal-kreditu, għandhom jinkludu fil-preżentazzjoni tal-lista jew tar-reġistru fuq is-sit web tagħhom, iżda mhux fil-lista jew fir-reġistru nfishom, referenza għas-sit web tal-EBA ddedikata għall-ħarsa ġenerali lejn l-awtoritajiet kompetenti rispettivi fl-Istati Membri maħtura biex jittrattaw l-ilmenti.



# Anness: mudell għall-għoti ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri ospitanti

Taqsim 1: Notifika dwar servizzjant tal-kreditu li jipprovdi jew beħsiebu jipprovdi attività ta' servizzjar tal-kreditu fi Stat Membru ospitanti (aġżel wieħed):	Tip ta' notifika
<ol style="list-style-type: none"> <li>1. Notifika inizjali</li> <li>2. Aġġornament</li> <li>3. Notifika urġenti dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni biex tiġi pprovduta attività ta' servizzjar tal-kreditu</li> <li>4. Notifika urġenti dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni biex jiġu riċevuti u miżmuma fondi mill-mutwatarji</li> <li>5. Notifika li servizzjant tal-kreditu jieqaf jew beħsiebu jieqaf jipprovdi attivitajiet ta' servizzjar tal-kreditu fl-Istat Membru ospitanti</li> </ol>	
Taqsim 2: Informazzjoni għall-inklużjoni fil-lista jew fir-reġistru ta' servizzjanti tal-kreditu tal-Istat Membru ospitanti	Servizzjant tal-kreditu
L-Istat Membru domiċiljari fejn is-servizzjant tal-kreditu ġie awtorizzat	
L-Istat Membru ospitanti li qed jiġi nnotifikat li servizzjant tal-kreditu jipprovdi jew beħsiebu jipprovdi attivitajiet ta' servizzjar tal-kreditu fil-ġurisdizzjoni tiegħu	
Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) (jekk disponibbli)	
Numru ta' identifikazzjoni uniku nazzjonali assenjat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari	
Isem legali (inkluża l-forma legali tal-kumpanija)/ + isem kummerċjali jekk differenti mill-isem legali (b'ittri bil-Latin)	
Isem legali (inkluża l-forma legali tal-kumpanija)/ + isem kummerċjali jekk differenti mill-isem legali (mhux Latin – jekk applikabbli)	
L-indirizz tal-uffiċċju prinċipali tas-servizzjant tal-kreditu jew l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fl-Istat Membru domiċiljari	
Pajjiż	
Belt	
Kodiċi Postali	
Triq	
Numru tal-bieb	
L-indirizz tal-fergħa fl-Istat Membru ospitanti fejn is-servizzjant tal-kreditu jipprovdi jew beħsiebu jipprovdi attivitajiet ta' servizzjar tal-kreditu (jekk applikabbli)	
Pajjiż	

Belt	
Kodiċi Postali	
Triq	
Numru tal-bieb	
Dettagli ta' kuntatt tas-servizzjant tal-kreditu rilevanti għall-Istat Membru ospitanti (forniment ta' mill-inqas element wieħed, aktar minn aċċenn wieħed possibbli):	
Indirizz tal-Email	
Formola web	
Indirizz postali	
Numru tat-telefon	
Dettagli ta' kuntatt għall-ġestjoni tal-ilmenti tal-konsumaturi rilevanti għall-Istat Membru ospitanti mis-servizzjant tal-kreditu f'konformità mal-Artikolu 24(1) tad-Direttiva (UE) 2021/2167 (forniment ta' mill-inqas element wieħed, aktar minn aċċenn wieħed possibbli):	
Indirizz tal-Email	
Formola web	
Indirizz postali	
Numru tat-telefon	
Status ta' awtorizzazzjoni (validu jew irtirat) biex jiġu pprovduti attivitajiet ta' servizzjar tal-kreditu, inkluża l-ewwel data rreġistrata tal-awtorizzazzjoni, u d-data tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni (jekk applikabbli)	
Status ta' awtorizzazzjoni ("approvat", "ipprojbit għal dan is-servizzjant tal-kreditu" jew "ġeneralment ipprojbit għal servizzjanti tal-kreditu bbażati f'[isem l-Istat Membru]") biex jirċievu u jżommu fondi mill-mutwatarji skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2021/2167, inkluża l-ewwel data rreġistrata tal-awtorizzazzjoni, u d-data tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni (jekk applikabbli) ta' dak is-servizz	
<b>Taqsim 3: Aktar informazzjoni dwar is-servizzjant ta' kreditu skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva (UE) 2021/2167, mhux destinata għall-pubblikazzjoni fil-lista jew fir-reġistru tal-awtorità kompetenti ospitanti, iżda rilevanti għad-determinazzjoni tad-data sa meta s-servizzjant tal-kreditu jkun jista' jibda jipprovi attivitajiet ta' servizzjar tal-kreditu fl-Istat Membru ospitanti</b>	<b>Servizzjant tal-kreditu</b>
Id-data tan-notifika inizjali mill-awtorità kompetenti domiċiljari lill-awtorità kompetenti ospitanti dwar l-intenzjoni ta' servizzjant tal-kreditu li jipprovi attivitajiet ta' servizzjar tal-kreditu f'dak l-Istat Membru ospitanti	
L-identità u l-indirizz tal-fornitur ta' servizzi ta' kreditu fl-Istat Membru ospitanti (jekk applikabbli, aktar minn aċċenn wieħed possibbli):	
Isem	
Pajjiż	

Belt	
Kodiċi Postali	
Triq	
Numru tal-bieb	
L-identità tal-persuna(i) responsabbli fis-servizzjant tal-kreditu mill-ġestjoni tal-forniment ta' attivitajiet ta' servizzjar tal-kreditu fl-Istat Membru ospitanti	
Fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-miżuri meħuda biex jiġu adattati l-proċeduri interni, l-arranġamenti ta' governanza u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern tas-servizzjant tal-kreditu sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-liġijiet applikabbli għad-drittijiet tal-kreditur skont kuntratt ta' kreditu jew għall-kuntratt ta' kreditu nnifsu	
Deskrizzjoni tal-proċedura stabbilita sabiex tikkonforma mar-regoli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, fejn il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti li tittrasponi d-Direttiva (UE) 2015/849 taħtar servizzjanti tal-kreditu bħala entitajiet marbuta b'obbligu għall-fini tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu	
Prova li s-servizzjant tal-kreditu għandu l-mezzi xierqa biex jikkomunika bil-lingwa tal-Istat Membru ospitanti jew bil-lingwa tal-kuntratt ta' kreditu	
Jekk dik l-informazzjoni tkun diġà magħrufa mis-servizzjant tal-kreditu, l-Istat Membru fejn ingħata l-kreditu, jekk differenti mill-Istati Membru ospitanti u mill-Istat Membru domiċiljari	